MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 817/1999/1

**Raymond Sammut**

**vs**

**Anthony Micallef**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni prezentata fit-12 ta' April 1999;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet a fol. 12 tal-atti;

Rat is-sentenza preliminari moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-3 ta' Ottubru 2008;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Anthony Micallef, minnu pprezentat fit-23 ta' Ottubru 2008;

Rat ir-risposta tal-appellat Raymond Sammut tas-17 ta' Novembru 2008;

Rat il-pregudizzjali tan-nullita` u irritwalita` tal-appell sollevata mill-appellat fl-istess risposta u dan peress li l-appellant ma kienx ottjena l-permess tal-ewwel Qorti qabel ma ntavola l-appell tieghu;

Rat in-nota tal-appellant Anthony Micallef, minnu pprezentata fit-13 ta' Jannar 2009, li permezz taghha ddikjara li bi zvista verament ma ntalabx il-permess tal-ewwel Qorti, u ghalhekk ikkonceda li l-appell hu irritwali u null, izda zamm ferm id-dritt tal-appell tieghu mis-sentenza preliminari wara li tinghata s-sentenza finali;

Rat l-Art. 231 tal-Kap. 12;

Tilqa' l-pregudizzjali sollevata mill-appellat u konsegwentement tiddikjara l-appell irritu u null, bl-ispejjez kontra l-appellant. Tordna li l-atti jigu minnufih rinvjati lill-ewwel Qorti ghall-kontiwazzjoni skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------